7 ta' Novembru, 1949

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Vincenzo Attard

**Falsa Denunzja — Kalunnja — Ingurja — Art. 99 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bżonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jagħtu lok għal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali. Għaldaqstant min jiddenunzja falsament membru tal-Pulizija, li naqas mid-dmirijiet tiegħu, għalkemm jista' jġib kon-*

*segwenzi serji skond l-Ordinanza tal-Pulizija, ma hux ħati ta' kalunnja. Għax denunzja simili tista' tagħti lok għal inkjesta mill-Kummissarju tal-Pulizija, u l-piena tiġi irrogata mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, jew mill-Kummissarju jew Uffiċjal ieħor kompetenti, imma ma tagħtix lok għal azzjoni kriminali kontra dak il-membru tal-Pulizija quddiem il-Qrati Kriminali.*

*Dik id-denunzja però, tammonta għal ingurja lil dak il-membru tal-Pulizija, u tiġi punita taħt dispożizzjonijiet diversi minn dawk li jikkontemplaw ir-reat tal-kalunnja.*

Fuq l-imputazzjoni illi f'Ħal Kirkop, fil-21 ta' Ġunju 1949, għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lill-Kuntistabbli Mangion, akkużah quddiem l-Ispettur tiegħu Girgor Scicluna b'nuqqas tad-dmirijiet tiegħu—reat li l-imputat kien jaf li dak il-kuntistabbli kien innoċenti minnu —l-imsemmi Attard, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-15 ta' Lulju 1949, ġie misjub ħati u kundannat għall-piena tal-prigunerija għal żmien tlitt ijiem;

Il-kundannat appella;

Trattat l-appell, din a l-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi deher li kontra l-imputat kienet saret ċitazzjoni talli ndaħal fid-dmir tal-Kuntistabbli Mangion u talli nsultah. Meta ġiet notifikata lill-imputat iċ-ċitazzjoni, hu qal lill-Ispettur Scicluna li la l-kuntistabbli, biex wieħed juża kliem l-imputat, "kien għamilhielu, hu kien sejjer jagħmilha lill-kuntistabbli", u fil-pront irrapporta lil Mangion billi allega li dan Mangion, waqt li kien għassa fl-istazzjon tal-Pulizija, ħareġ jilgħab mat-tfal. L-Ispettur Scicluna avvertih bis-serjetà ta' dak li kien qed igħid u Attard qallu "mela tniżżel xejn". Fil-fatt irriżulta mill-provi........... li l-Kuntistabbli Mangion kien ħareġ momentaneament ikeċċi xi tfal li kienu qegħdin jilagħbu bil-leww ħdejn l-istazzjon tal-Pulizija, u reġa' daħal;

Issa, hu elementari li d-denunzja falza trid tkun dwar "reat", sew delitt kemm kontravvenzjoni. F'dan il-każ, negliġenza ta' dmirijiet mill-parti tal-kuntistabbli hija bla dubju vjolazzjoni li tista' ġġib konsegwenzi serji skond l-Ordinanza tal-Pulizija (Kap. 35 ta' l-Edizzjoni Riveduta), bħal ma hija l-piena tar-reklużjoni. Imma din il-vjolazzjoni ma tagħtix lok għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni kriminali quddiem il-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, imma tagħti lok biss għal inkjesta

magħmula mill-Kummissarju tal-Pulizija, u l-piena tiġi irrogata mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur jew mill-Kummissarju, jew minn uffiċjal ieħor *kompetenti* (ara art. 9 u 13 ta' dak il-Kap 35). Meta fl-art. 99 tintuża l-kelma "reat", din tfisser reat li jagħti lok għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni kriminali prosegwibili quddiem il-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali;

Għalhekk l-imputat ma jistax ikun ħati ta' kalunnja;

Iżda bil-fatt minnu kommess hu rrenda ruħu ħati ta' inġurja lill-uffiċjal publiku minħabba li dan għamel is-servizz (taħt l-art. 94). Fl-ipotesi beninja, l-inġurja hi dik ta' l-art. 265 (2) Kap. 12, u għalhekk ma hemmx lok għal awment ta' grad fil-piena (art. 94 (2) Kap. 12);

Għalhekk din il-Qorti tipprovvedi fuq l-appell billi tħassar is-sentenza appellata filli sabet lill-imputat ħati ta' kalunnja, u ssibu minflok ħati ta' inġurja lill-uffiċjal publiku; u wara li rat l-art. 94 u 265 (2) Kap. 12, tbiddel il-piena f'dik ta' detenzjoni għal żmien tlitt ijiem.